

**Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)**

14519/23

**ENER 565
ENV 1164
CLIMA 499
IND 550
RECH 464
COMPET 1021
ECOFIN 1076**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4080 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 20.10.2023 dwar il-faqar enerġetiku

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4080 final.

Mehmuż: C(2023) 4080 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2023
C(2023) 4080 final

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 20.10.2023

dwar il-faqar enerġetiku

{SWD(2023) 647 final}

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 20.10.2023

dwar il-faqar enerġetiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) L-aħħar ċifri juru li madwar 40 miljun Ewropew fl-Istati Membri kollha li jirrappreżentaw 9,3 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni ma setgħux iżommu d-dar tagħhom sħuna b' mod adegwat fl-2022. Din hija żieda kbira mill-2021 meta 6,9 % tal-popolazzjoni kienet fl-istess sitwazzjoni¹. Is-sehem żdied b' aktar mid-doppju għan-nies fil-kategoriji b' introjtu aktar baxx. Dawk iċ-ċifri juru s-serjetà tas-sitwazzjoni, filwaqt li jistiednu lil dawk li jfasslu l-politika jieħdu azzjoni u jindirizzaw il-kawżi fundamentali sottostanti tal-faqar enerġetiku fil-qafas ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta, li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
- (2) Il-faqar enerġetiku huwa fenomenu multidimensjonali. F'ħafna każijiet, din is-sitwazzjoni hija xprunata primarjament minn tliet kawżi ewlenin sottostanti, marbuta man-nefqa għolja fl-enerġija meta mqabbla mal-baġit tal-unitajiet domestiċi, livelli baxxi ta' introjtu, u prestazzjoni enerġetika baxxa tal-bini u tal-apparat. Is-sitwazzjoni ta' unità domestika tista' tiġi influwenzata ulterjorment minn fatturi ġeografiċi u klimatiċi, karatteristiċi tal-unitajiet domestiċi, ġeneru, saħħa, u ħtiġijiet speċifiċi tal-enerġija u tat-trasport tal-unitajiet domestiċi. Bħala tali, unitajiet domestiċi bi ħtiġijiet tal-enerġija oġhla, li jinkludu familji bit-ftal, persuni b' diżabilità, u persuni akbar fl-età, huma wkoll aktar suxxettibbli għall-faqar enerġetiku u għall-effetti tiegħu. In-nisa, u b' mod partikolari dawk li huma ġenituri waħedhom u nisa akbar fl-età, huma wkoll affettwati b' mod partikolari mill-faqar enerġetiku minħabba inugwaljanzi strutturali fid-distribuzzjoni tal-introjtu, fl-istatus soċjoekonomiku u fid-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura.
- (3) Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija influwenzaw is-swieq tal-enerġija tal-Unjoni minn nofs l-2021. Numru akbar ta' nies qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Dan ma kienx limitat għal ċittadini b' introjtu baxx u dawk vulnerabbli, li nefqu sehem sproporzjonalment oġhla tal-introjtu tagħhom fuq l-enerġija, iżda affettwa wkoll ħafna ċittadini b' introjtu medju. L-Unjoni aġixxiet b' mod magħqud fi ħdan il-qafas Ewropew rilevanti u l-impenji internazzjonali biex tiffaċilita s-sitwazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej. Madankollu, il-ħtieġa għal aktar azzjonijiet immirati sew fil-livell nazzjonali tippersisti.

¹ Sors: Eurostat (ilc_mdcs01)

- (4) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017², u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU³ adottati fl-2015 jinkludu l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu d-dritt li jaċċessa. Irid ikun hemm appoġġ disponibbli għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn. Il-Pilastru jirreferi wkoll għad-dritt għal għajjnuna u protezzjoni xierqa kontra l-iżgumbramenti sfurzati mill-akkomodazzjoni⁴.
- (5) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵ jenfasizza li t-tranżizzjoni trid tkun ġusta u inklużiva, u trid tpoġġi lin-nies l-ewwel u tagħti attenzjoni partikolari għall-appoġġ ta' dawk ir-reġjuni, l-industriji, il-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi li se jiffaċċjaw l-akbar sfidi f'dik it-tranżizzjoni. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti*"⁶ tenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se tippovdi lill-Unjoni bl-għodod sabiex tistinka għal aktar fir-rigward tal-konverġenza f'livelli oġġla, il-ġustizzja soċjali u l-prospertà kondiviża.
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1563⁷ u d-dokument ta' ħidma tal-persunal⁸ li jakkompanja jipprovdu gwida dwar il-faqar enerġetiku kif ukoll dwar id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku. Identifikat sett ta' 13-il indikatur tal-faqar enerġetiku li minnhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu dawk disponibbli u rilevanti għall-kuntest ta' tagħhom sabiex jidentifikaw il-faqar enerġetiku fit-territorju ta' tagħhom, li jirriflettu aspetti differenti tal-faqar enerġetiku, u l-użu ta' settijiet ta' *data* alternattivi biex jirriflettu r-realtajiet lokali, bħal tisħin eċċessiv fis-sajf, l-isfond tal-ġeneru u etniku, u *data* dwar l-introjt ta' kontroreferenza u l-konsum tal-enerġija b'mod konġunt sabiex jinftiehem l-isfidi tal-affordabbiltà tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.
- (7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika⁹ tfakkar li l-ġustizzja u s-solidarjetà qed jiddefinixxu l-prinċipji tal-politiki tal-Unjoni lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u prekondizzjoni għall-appoġġ pubbliku wiesa' u sostnut ta' tagħha.

² Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

³ [Nitttrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli \(un.org\)](https://un.org/), A/RES/70/1.

⁴ Prinċipji 19 "Akkomodazzjoni u assistenza għal persuni mingħajr dar" u 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali".

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, (COM(2019) 640 final).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti" (COM/2020/14 final).

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku (ĠU L 357, 27.10.2020, p. 35).

⁸ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Gwida tal-UE dwar il-Faqar Enerġetiku (SWD (2020) 960 final)

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, 2022/C 243/04 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).

- (8) L-oġġettivi stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar tranżizzjoni ġusta u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku jipprovdu qafas għall-identifikazzjoni tal-faqar enerġetiku fl-Istati Membri billi ssir enfasi fuq il-prinċipji tal-aċċess għall-enerġija, l-inklużività, il-ġustizzja u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Dawn il-prinċipji kollha japplikaw għall-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku. L-enerġija hija s-servizz essenzjali li għalih il-lakuni fl-aċċess huma l-oġġla fl-UE¹⁰.
- (9) Il-kunċett tal-faqar enerġetiku ġie introdott fl-2009 bid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u minn dak iż-żmien ġie estiż fin-narrattiva ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta tal-enerġija. L-aħħar żviluppi legali miġjuba permezz tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ¹² jippreżentaw approċċ komprensiv għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku. Il-pakkett introduċa l-ewwel definizzjoni tal-faqar enerġetiku fl-Unjoni kollha fid-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ flimkien ma' dispożizzjonijiet għall-prijoritizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' rinnovazzjoni tal-bini fost gruppi foqra fl-enerġija u gruppi vulnerabbli oħrajn.
- (10) Il-faqar enerġetiku jikkonċerna lill-Istati Membri kollha. Għalhekk, l-Artikolu 3(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jirrikjedi li l-Istati Membri jivvalutaw l-għadd ta' ċittadini fil-faqar enerġetiku, jistabbilixxu oġġettiv li dak in-numru jitnaqqas jekk ikun sinifikanti, u jiddeskrivu l-politiki u l-miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima finali tagħhom. L-Istati Membri kellhom jippreżentaw tali informazzjoni fl-2019 għall-ewwel darba.
- (11) L-inklużjoni ta' definizzjoni tal-faqar enerġetiku fil-liġi nazzjonali hija l-ewwel pass għar-rikonoxximent u għall-identifikazzjoni ta' problema u l-kuntest usa' tagħha. Se tappoġġa lill-atturi rilevanti kollha fit-tfassil tar-reazzjonijiet it-tajbin għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li tqis il-kombinazzjoni tat-tliet kawżi ewlenin tagħha, jiġifieri, l-introjtu baxx, il-kontinjuet tal-enerġija oġġla u l-effiċjenza enerġetika baxxa.

¹⁰ SWD(2023) 213 final/2

¹¹ Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, (COM (2021) 550 final).

¹³ Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (12) Il-kunċett tal-faqar enerġetiku huwa marbut, iżda distint mill-kunċett ta' klijenti vulnerabbli. L-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jirrikjedu li l-Istati Membri jiddefinixxu l-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li jista' jirreferi għall-faqar enerġetiku kif ukoll għal kriterji oħrajn, bħad-dipendenza kritika fuq it-tagħmir elettriku għal raġunijiet ta' saħħa u età.
- (13) Tmintax-il Stat Membru inkludew il-faqar enerġetiku bħala fenomenu distint fil-Pjanijiet Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima eżistenti tagħhom, madankollu d-dettalji dwar id-definizzjonijiet, il-kejl ċar, u l-politiki diretti għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku huma koperti minn madwar nofs l-Istati Membri¹⁷.
- (14) L-Istati Membri huma meħtieġa jaġġornaw il-Pjanijiet nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima sa Ġunju 2024. Jenħtieġ li jiġu appoġġati f'dak l-eżerċizzju u fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku fil-livell nazżjonali permezz ta' pakketti ta' politika effettivi u gwida ulterjuri li tikkomplementa r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563.
- (15) Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ stabbilixxa l-Fond Soċjali għall-Klima biex jindirizza u jipprevjeni l-impatti distributtivi negattivi li jistgħu jirriżultaw mill-estensjoni tal-kopertura tal-bini u tat-trasport bit-triq minn sistema ġdida tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawn iż-żewġ setturi u l-industrija żgħira (ETS2) f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE¹⁹. Il-Fond Soċjali għall-Klima għandu l-għan li jipprovdi finanzjament lill-Istati Membri biex jappoġġaw unitajiet domestiċi vulnerabbli inklużi unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti vulnerabbli tat-trasport li huma affettwati b'mod partikolari mill-faqar enerġetiku u tat-trasport billi jappoġġaw investimenti għal aktar effiċjenza enerġetika u aċċess għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet zero u baxxi. Biex jisfruttaw il-finanzjament, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom sa Ġunju 2025 filwaqt li jibnu fuq l-aġġornamenti tal-2024 tal-Pjanijiet Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom.
- (16) L-aġġornament tal-Pjanijiet Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima u l-istabbiliment tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima skont ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma opportunità għall-Istati Membri biex jirriflettaw mhux biss

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

¹⁶ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Bouzarovski, S., Thomson, H., Cornelis, M. et al., Towards an inclusive energy transition in the European Union: confronting energy poverty amidst a global crisis (Lejn tranżizzjoni enerġetika inklużiva fl-Unjoni Ewropea: il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku matul kriżi globali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, <https://data.europa.eu/doi/10.2833/103649>.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060

¹⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

l-ambizzjoni ogħla tal-qafas legali tal-Unjoni f'termini ta' enerġija u l-oġġettivi klimatiċi, iżda wkoll biex irawmu l-ġustizzja u jipprovdu qafas stabbli għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku.

- (17) Il-ġbir ta' *data* ta' indikaturi adegwati huwa kruċjali għall-identifikazzjoni tal-għadd ta' persuni fil-faqar enerġetiku. Moduli *ad hoc* fakultattivi tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu, l-inklużjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, bħal dik dwar in-nuqqas ta' kapaċità li l-abitazzjonijiet jinżammu kesħin f'livell komdu matul is-sajf u n-nuqqas ta' kapaċità tal-unità domestika li taffordja livell suffiċjenti ta' konsum tal-enerġija fid-dar, imwettqa fl-2023, jew dwar l-effiċjenza enerġetika mwettqa fl-2024 jistgħu jipprovdu *data* utli addizzjonali pertinenti għall-identifikazzjoni tal-għadd ta' unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku f'kuntesti nazzjonali jew reġjonali. Minħabba l-probabbiltà dejjem akbar ta' mewġ tas-sħana bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, l-informazzjoni relatata mal-kapaċità tal-unità domestika li tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tal-enerġija fid-dar tippermetti adożzjoni aħjar u aktar immirata ta' politiki u għażliet għall-ġlieda kontra s-sħana u perikli klimatiċi oħrajn kif ukoll l-impatti tal-faqar enerġetiku.
- (18) F'xi Stati Membri, il-faqar enerġetiku huwa indirizzat l-aktar mill-angolu tal-affordabbiltà permezz ta' skemi ta' appoġġ għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, li jindirizzaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u tal-enerġija u li jiġu pprovduti, pereżempju, fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa, tariffi soċjali, vawċers tal-enerġija, jew benefiċċji għat-tisħin. Il-miżuri tal-prezzijiet kollha jbiddu l-kost marġinali tal-konsum tal-enerġija. Skemi bħal dawn huma importanti fi żminijiet ta' kriżi u meħtieġa fin-nuqqas ta' titjib strutturali, iżda ma jipprovdux il-bażi għal titjib strutturali għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli. Dawn jistgħu jnaqqsu l-inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jsir investiment f'miżuri għall-effiċjenza enerġetika. Il-miżuri ta' introjtu jipprovdu wkoll serħan immedjat filwaqt li ma jbiddux direttament il-kost marġinali tal-konsum tal-enerġija, iżda ma għandhomx effett fit-tul fuq id-domanda għall-enerġija. Għaldaqstant, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-miżuri li jagħtu s-setgħa u jippermettu lill-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jieħdu l-passi tagħhom stess biex itejbu l-modi ta' għajxien tagħhom f'termini ta' effiċjenza enerġetika u ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli.
- (19) Fl-indirizzar tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, l-Istati Membri jużaw taħlita ta' approċċi u azzjonijiet li jvarjaw fl-impatt fuq il-konsumaturi finali: il-miżuri ta' appoġġ għall-prezzijiet jimmiraw direttament il-prezz finali tal-enerġija mħallas; l-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu jżommu s-sinjali tal-prezz tas-suq u bħala tali xorta jipprovdu inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija filwaqt li tiżdied l-affordabbiltà tal-konsum tal-enerġija, u miżuri aktar strutturali li jindirizzaw l-affordabbiltà fit-tul tal-iskemi tal-enerġija. Il-miżuri strutturali huma dawk il-miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku fil-kawżi ewlenin tiegħu permezz ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika jew f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawn għandhom impatti fit-tul u jappoġġaw l-oġġettiv tal-Unjoni ta' tranżizzjoni ġusta tal-enerġija. Għalhekk, dawn jenħtieġ li jingħataw prijorità flimkien ma' miżuri soċjali rilevanti komplementari. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ukoll l-għan li jiddiversifikaw l-għażliet tal-enerġija għall-klijenti filwaqt li jipprevjenu lill-klijenti

vulnerabbli minn lock-in tal-fjuwils fossili u b'mod partikolari l-gass fossili, il-faħam, u ż-żejt u jirriskjaw li jkollhom jiffaċċjaw kostijiet dejjem akbar tan-network u amministrattivi matul it-tranżizzjoni. Għalhekk, l-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-iżguraw ta' tranżizzjoni ġusta jiddependu b'mod kruċjali fuq it-taħlita ta' politiki magħżula.

- (20) Matul il-kriżi tal-enerġija, il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu protetti minn prezzijiet tal-enerġija għoljin u volatili żiedet l-użu ta' strumenti ta' introjtu u prezz fl-Unjoni kollha. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ma kinux immirati biżżejjed. Filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu jipprovdu xbieki ta' sikurezza soċjali siewja, jistgħu jiġu implimentati malajr u, meta jkunu mmirati, jistgħu jipprovdu serħan immedjat għall-unitajiet domestiċi affettwati, x'aktarx li ma jirriżultawx f'impatt strutturali lil hinn mill-perjodu ta' żborż jew ta' applikazzjoni u jistgħu jirriskjaw li joħolqu effett ta' lock-in fuq il-fjuwils fossili u dipendenza fuq is-sussidji. Dawn jippreżentaw ukoll ir-riskju li jnaqqsu l-finanzjament pubbliku minn miżuri aktar strutturali li huma intensivi fil-kapital, bħar-rinnovazzjonijiet tal-bini.
- (21) L-aċċess għall-enerġija fl-Unjoni huwa ssalvagwardjat mill-qafas legali tal-UE u l-konsumaturi jgawdu minn servizz universali, b'mod partikolari, għall-elettriku. Minbarra l-appoġġ għall-affordabbiltà għal dawk fil-bżonn, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew reġim tal-aħħar istanza biex jiproteġu lill-konsumaturi fil-każ ta' falliment tal-fornitur. Sabiex ikompli jiproteġu lill-konsumaturi u jiżguraw il-kontinwità tal-provvista, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw fornitur tal-aħħar istanza.
- (22) Skont l-Artikolu 10(11) tad-Direttiva (UE) 2019/944 il-fornituri għandhom jipprovdu lill-klijenti domestiċi b'informazzjoni adegwata dwar miżuri alternattivi għall-iskonnessjoni fi żmien biżżejjed qabel kwalunkwe skonnessjoni pjanata. Il-klijenti vulnerabbli jenħtieġ li jkunu protetti b'mod adegwat minn skonnessjonijiet tal-elettriku u jenħtieġ li ma jitpoġġewx f'pożizzjoni li ġġegħilhom jiskonnettjaw. Għas-salvagwardja tal-aċċess għall-enerġija għal dawk l-aktar vulnerabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jaġixxu billi jibnu fuq il-prattiki tajbin f'tali kwistjonijiet fl-Unjoni kollha.
- (23) Minħabba n-natura kumplessa tiegħu, il-faqar enerġetiku jeħtieġ li jiġi indirizzat bħala kwistjoni multidixxiplinari, li tirrikjedi approċċ multisettorjali li jinkludi fuq kollox, iżda mhux biss, is-setturi tal-politika tal-enerġija u soċjali, filwaqt li jżomm f'moħħu l-obbligi legali konkreti ħafna fil-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija u l-klima. Għalhekk, is-sistema ta' governanza għall-faqar enerġetiku jenħtieġ li tippermetti kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti u vertikali fl-istrutturi tal-gvern nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll konsultazzjoni usa' tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u tas-sħab soċjali minn setturi differenti biex jikkontribwixxu għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. Għal dak il-għan, jista' jitqies ukoll djalogu b'diversi livelli dwar l-enerġija u l-klima stabbilit skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

- (24) Is-saħħa tal-osservatorji tal-faqar enerġetiku qed tlaqqa' flimkien l-atturi ewlenin kollha involuti għall-iżvilupp ta' fehim transsettorjali tas-sitwazzjoni tal-faqar enerġetiku fil-livelli kollha. Bħala tali, hija għodda ta' governanza multidixxiplinari, li tista' sservi bħala proġett fanal għal oqsma ta' politika oħrajn. Tali osservatorji jistgħu jipprovdu wkoll pjattaforma għall-partijiet ikkonċernati, biex jipparteċipaw fid-dibattitu nazzjonali u lokali billi jipprovdu għarfien ewlieni dwar il-problema tal-faqar enerġetiku u jipponu inizjattivi ta' politika.
- (25) Il-prattika wriet li l-fiduċja hija wieħed mill-elementi ewlenin biex l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku jiġu involuti b'suċċess, kemm fl-identifikazzjoni kif ukoll biex jintlaħqu l-benefiċjarji tal-iskemi ta' appoġġ.
- (26) Il-komunikazzjoni effettiva u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni b'mod faċli għall-utent għandhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku. Il-familji affettwati mill-faqar enerġetiku għandhom ħtiġijiet u kapaċitajiet differenti biex jinvolvu ruħhom, u possibbilment aċċess limitat għal informazzjoni rilevanti. In-networks konsultattivi dwar l-enerġija jew il-punti uniċi ta' servizz, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2023/1791 flimkien mal-proposti għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jistgħu jkunu għodod effettivi. Dawk l-għodod jenħtieġ li jkunu aċċessibbli faċilment u mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, vulnerabbli jew affettwati mill-faqar enerġetiku, u jistgħu jiġu pprovdu wkoll permezz ta' ħaddiema tal-kura soċjali u tal-kura tas-saħħa, jew ħaddiema tal-ewwel linja oħrajn li huma f'kuntatt dirett regolari ma' tali gruppi ta' popolazzjoni.
- (27) Bil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-Komunikazzjoni "*REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli*"²⁰, il-Kummissjoni ddikjarat b'mod ċar li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fis-settur tal-bini, huma azzjonijiet effettivi biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-unitajiet domestiċi foqra u vulnerabbli fl-enerġija. It-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jista' jtaffi l-effetti soċjali negattivi potenzjali u jimmassimizza l-benefiċċji soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-bini bl-aġar rendiment fl-użu tal-enerġija u jnaqqas jew saħansitra jipprevjeni l-faqar enerġetiku.
- (28) L-għoti ta' prijorità lill-effiċjenza enerġetika huwa prinċipju ewlieni stabbilit fid-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jipprovdi bażi ġuridika għall-applikazzjoni tagħha. It-titjib tal-effiċjenza enerġetika huwa kruċjali għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku u għat-titjib tal-benessri tan-nies u tar-residenti.
- (29) L-għoti ta' prijorità lir-rinnovazzjoni tal-bini bl-aġar prestazzjoni enerġetika jippermetti li jiġi indirizzat direttament il-faqar enerġetiku, peress li n-nies affettwati mill-faqar enerġetiku u n-nies vulnerabbli għandhom it-tendenza li jgħixu f'bini bħal

²⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli (COM(2022) 108 final).

dan. Permezz tar-rinnovazzjoni tal-enerġija, il-ħtiġijiet tal-enerġija tat-tisħin u tat-tkessiħ tad-djar jistgħu jitnaqqsu b'mod sostanzjali u konsegwentement l-abitanti jistgħu jaffordjaw klima interna xierqa b'kontinuità tal-enerġija aktar baxxi, li tikkontribwixxi għat-tneħħija mill-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, iż-żieda fir-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini tista' tiġġenera u tippreserva l-impjiegi li jikkontribwixxu indirettament għall-benesseri tal-popolazzjoni. Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida²¹ hija inizzjattiva tal-Unjoni, li għandha l-għan li tgħin fit-tweqqif tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tipprijoritizza l-effiċjenza, l-affordabbiltà, u l-inklużività tal-enerġija.

- (30) L-effetti pożittivi tar-rinnovazzjonijiet tal-bini, inkluż fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, jistgħu jiġu massimizzati permezz ta' approċċi integrati, parteċipattivi u relatati mad-distrett, meta ir-rinnovazzjoni enerġetika f'distretti foqra fl-enerġija tkun integrata fi programmi usa' ta' inklużjoni soċjali u ta' riġenerazzjoni urbana. L-inċentivi opposti jistgħu jkunu ostaklu għar-rinnovazzjoni tal-bini, anki minħabba li l-kerrejja ma għandhomx l-istess possibbiltajiet bħas-sidien tad-djar fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-titjib tal-abitazzjoni. Dawn iseħħu meta l-benefiċċji ta' tranżazzjoni jew investment ma jkunux ta' benefiċċju dirett għall-attur li jġarrab il-kostijiet tat-tranżazzjoni jew tal-investment.
- (31) L-unitajiet domestiċi vulnerabbli jridu jiġu protetti minn kostijiet tal-akkomodazzjoni ogħla li jistgħu jsegwu r-rinnovazzjonijiet u li jirriżultaw fi tkeċċijiet, spostament, u ġentrifikazzjoni. Għalhekk, huwa kruċjali li l-Istati Membri jħarsu lejn it-taħlita ġenerali ta' politika tagħhom bir-reqqa fir-rigward tal-impatti negattivi diretti jew indiretti fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli. Il-miżuri għall-protezzjoni tal-kerrejja minn impatti negattivi u mhux mixtieqa jistgħu jinkludu appoġġ finanzjarju kundizzjonali għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni li jipprevjenu t-tkeċċija tal-kerrejja, inċentivi tat-taxxa għas-sidien tal-kera, saldu ta' appoġġ finanzjarju jew arretrati tal-kiri ta' rinnovazzjoni għal unitajiet domestiċi ifqar, limitu massimu fuq iż-żieda fil-kera jekk is-sid jirċievi appoġġ finanzjarju pubbliku, jew miżuri leġiżlattivi li jiżguraw bilanċ bejn iż-żidiet fil-kera u l-iffrankar fl-enerġija miksub permezz tar-rinnovazzjoni. L-infurzar tal-qafas regolatorju li jipproteġi lill-kerrejja u li jindirizza lis-sidien tal-kera, kif ukoll l-aċċess għal informazzjoni dwar id-dritt għad-drittijiet tal-akkomodazzjoni u tal-kerrejja kontra l-iżgumbramenti huma wkoll passi essenzjali.
- (32) Il-prinċipji tal-effiċjenza enerġetika japplikaw ukoll għal apparat domestiku effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jista' jikkontribwixxi għal iffrankar tal-enerġija konsiderevoli. L-istandards għall-effiċjenza enerġetika, applikati permezz tar-regoli tal-ekodisinn u tattikkettar tal-enerġija jistgħu jwasslu għal iffrankar enerġetiku kbir għall-unitajiet domestiċi fl-Unjoni.
- (33) Sistemi ta' miters intelliġenti, li jappoġġaw qari akkurat u qrib il-ħin reali, jippermettu lill-konsumaturi jimmonitorjaw l-użu reali tal-enerġija tagħhom matul il-jum u jistgħu

²¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien (COM(2021) 573 final).

jgħinu fl-identifikazzjoni ta' persuni fil-faqar enerġetiku. B'risultat ta' dan, dawn jgħinu lill-konsumaturi jieħdu kontroll tal-imġiba tagħhom fl-enerġija, u jaġġustaw il-konsum tagħhom biex iżommu l-kostijiet tagħhom taħt kontroll, filwaqt li jtemmu l-kontijiet smati u d-diffikultajiet li jgħibu magħhom il-kontijiet b'lura. Dan huwa ta' importanza kbira għall-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku, li ta' spiss ikollhom pressjoni finanzjarja aktar stretta u huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-enerġija. L-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija jenħtieġ li ma jitħallewx barra mill-aċċess għal teknoloġiji intelliġenti li jappoġġawhom fit-tnaqqis jew fil-ġestjoni aħjar tal-konsum tal-enerġija tagħhom, kif ukoll jifitħu opportunitajiet għalihom biex jiksbu benefiċċji minn avvanzi kontinwi fit-teknoloġija tal-enerġija u fid-diġitalizzazzjoni.

- (34) Id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija permezz tal-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u s-sostituzzjoni tagħhom b'sorsi rinnovabbli huma kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tal-Unjoni. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna u ż-żieda qawwija fil-prezzijiet għall-enerġija juru l-urġenza li nimxu lil hinn mill-gass naturali aktar malajr għat-tiġin tal-unitajiet domestiċi u b'tali moħsa, l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku se jeħtieġu attenzjoni u appoġġ partikolari. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, li huwa ta' importanza kbira f'dan il-kuntest. L-appoġġ lill-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku fil-bidla tagħhom minn fjuwils fossili għal sorsi rinnovabbli orħos għall-provvista tal-enerġija tagħhom huwa element ċentrali fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku. Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 23(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² li jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-enerġija rinnovabbli għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari għal dawk f'unitajiet domestiċi b'introġtu baxx jew vulnerabbli li ma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem biex jibbenefikaw.
- (35) L-enerġija rinnovabbli hija aktar affordabbli għall-konsumaturi jekk jista' jkollhom aċċess dirett għaliha. Skemi kollettivi ta' awtokonsum jistgħu jegħlbu l-kapaċità limitata tal-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku biex jaċċessaw l-enerġija rinnovabbli u jsiru attivi – bħala konsumaturi, filwaqt li jipproduċu l-elettriku (l-hekk imsejħa "prosumaturi"). Il-fatt li wieħed ikun prosumatur u jipparteċipa fi skemi kollettivi ta' awtokonsum iwassal benefiċċji mhux finanzjarji usa', bħall-ġhoti tas-setgħa, ħiliet ġodda, u l-inklużjoni soċjali għall-individwu, kif ukoll fiduċja u interkonnessjonijiet għall-komunità.
- (36) Skemi kollettivi ta' awtokonsum jinkludu komunitajiet tal-enerġija u skemi ta' kondiviżjoni tal-enerġija. Il-Kummissjoni tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva kontinwa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija fl-Istati Membri u tipproponi²³ dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija. Il-muniċipalitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jagħmlu l-iskemi kollettivi ta'

²² Id-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

²³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (COM(2023) 148 final)

awtokonsum miftuħin u aċċessibbli għall-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku speċjalment f'każijiet meta d-dħul kieku jkun jinvolti rekwiżiti finanzjarji, u ta' proċeduri u kostijiet amministrattivi kumplessi.

- (37) Għad-dijanjożi, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku, dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha jeħtieġ li jiġu infurmati u jifhmu l-kawżi sottostanti tal-faqar enerġetiku tal-kostitwenza tagħhom. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023²⁴ u l-Patt għall-Ħiliet, bħala parti mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropea²⁵, jipprovdu opportunitajiet biex il-membri tal-patt jirċievu gwida xierqa għall-iżvilupp tal-ħiliet. Iċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku ffinanzjat mill-Unjoni²⁶ jipprovdi taħriġ u appoġġ online u mmirat lill-partijiet ikkonċernati, inkluż lill-gvernijiet lokali, dwar il-faqar enerġetiku. Il-ħidma tagħhom fuq l-indikaturi hija utli wkoll biex l-Istati Membri jagħżlu u jartikolaw indikaturi fil-livell nazzjonali u lokali²⁷.
- (38) Barra minn hekk, il-ħaddiema f'kuntatt dirett u regolari ma' persuni f'riskju ta' faqar enerġetiku, bħal dawk fil-kura tas-saħħa, fl-edukazzjoni, jew il-ħaddiema soċjali, kif ukoll mal-konsulenti tal-enerġija jenħtieġ li jkollhom il-ħiliet biex jidentifikaw il-faqar enerġetiku u jipprovdu pariri u informazzjoni lil unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija. Tali informazzjoni tista' tinkludi pariri dwar miżuri bażiċi għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, tispjega l-kontijiet tal-enerġija, tagħti konsulenza dwar id-drittijiet tal-akkomodazzjoni u tal-kerreġja kontra l-iżgumbramenti jew minn fejn persuna tista' tirċievi pariri jew appoġġ addizzjonali.
- (39) Il-kwistjoni tal-ħiliet tikkonċerna wkoll lill-konsumaturi bħala tali. Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mit-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika, il-konsumaturi jeħtieġu inċentivi u l-ħiliet biex jinvolve ruħhom mal-enerġija b'mod aktar attiv permezz ta' litteriżmu oġhla fl-enerġija u fil-litteriżmu diġitali, f'konformità kemm mal-ħtiġijiet tal-enerġija tagħhom kif ukoll mal-għanijiet tat-tnaqqis tal-enerġija. Dan jeħtieġ ħiliet bħall-użu ta' miters intelliġenti u l-ibbenefikar mill-flessibbiltà tad-domanda u mill-enerġija rinnovabbli. F'dak il-kuntest, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u lil dawk affettwati mill-faqar enerġetiku biex jiġu meġhjunin iżidu l-litteriżmu enerġetiku, finanzjarju u diġitali tagħhom u jegħlbu l-pożizzjoni tal-bidu aktar diffiċli tagħhom, anke fil-kuntest tal-adozzjoni tat-teknoloġiji innovattivi. Xi gruppi jista' jkollhom għażliet ristretti biex iwettqu miżuri adegwati inklużi dawk f'akkomodazzjoni mikrija, f'akkomodazzjoni soċjali jew f'tip ta' abitazzjoni oħra li ma hijiex proprjetà tagħhom.

²⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1).

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 274 final)

²⁶ [Ċentru Konsultattiv għall-Faqar Enerġetiku \(EPAH\) \(europa.eu\)](https://energy-poverty.ec.europa.eu/observing-energy-poverty/national-indicators_en)

²⁷ https://energy-poverty.ec.europa.eu/observing-energy-poverty/national-indicators_en

- (40) Il-finanzjament huwa disponibbli għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku. Mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 – 2027²⁸ u tal-ammont totali tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru²⁹ u mill-inqas 37 % tal-ammont totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza³⁰ jenħtieġ li jintnefaq fuq l-integrazzjoni tal-oġġettivi klimatiċi. F'dan il-kuntest, hemm ambitu maġġuri għall-finanzjament ta' miżuri strutturali għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri allokaw sehem ta' riżorsi sinifikanti għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rinnovazzjoni tal-bini. Fir-reviżjoni tal-pjanijiet u l-inklużjoni tal-kapitoli ta' REPowerEU, il-faqar enerġetiku għandu rwol importanti bħala wieħed mis-sitt oġġettivi li r-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jikkontribwixxu għalihom. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni³¹ jipprovdu wkoll investimenti sinifikanti lejn l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika, inkluż biex jindirizzaw speċifikament il-faqar enerġetiku.
- (41) Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta³², bħala parti mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika f'territorji li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-miri għall-enerġija u l-klima tal-Unjoni għall-2030. Ħafna minn dawn it-territorji jiġbru flimkien oqsma ewlenin ta' faqar enerġetiku. Barra minn hekk, il-faqar enerġetiku huwa eliġibbli wkoll għal finanzjament mid-dħul nazzjonali taħt is-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³, u l-allokkazzjonijiet taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni³⁴ u permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima li jmiss.
- (42) Il-Kummissjoni tmexxi proġetti li jindirizzaw il-faqar enerġetiku taħt Orizzont Ewropa u l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)³⁵. Barra minn hekk, permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku ffinanzjat mill-Unjoni, tipprovdi assistenza teknika lill-muniċipalitajiet għad-dijanjożi tal-faqar enerġetiku, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet lokali mmirati. Skont l-Istrument ta'

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

²⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60–93

³² Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

³³ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

³⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1001 tad-9 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-operat tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jsostni investimenti għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' ċerti Stati Membri (C(2020)4541)

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

Appoġġ Tekniku³⁶, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fl-isforzi tagħhom biex ifasslu u jimplimentaw riformi, inkluż fil-qasam tal-faqar enerġetiku, ir-rinnovazzjoni tal-bini, u l-abbozzar tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima.

- (43) Il-miżuri strutturali, speċjalment dawk għall-aċċess għall-effiċjenza enerġetika, għar-rinnovazzjoni tal-bini jew għall-enerġija rinnovabbli jeħtieġu finanzjament sinifikanti bil-quddiem u kontinwu, f'konformità mal-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Huwa importanti li n-nefġiet pubbliċi u l-iskemi ta' finanzjament jiġu adattati b'mod adegwat biex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-faqar enerġetiku, jimmobilizzaw aktar investimenti privati, jipromwovu prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, jipprovdu garanziji pubbliċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jakkomodaw ukoll il-pjanijiet u l-programmi tagħhom ifffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni biex jimmiraw unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-faqar enerġetiku filwaqt li joħolqu sinerġiji fl-Unjoni kollha u bejn pjanijiet u programmi nazzjonali, reġjonali u lokali.
- (44) Meta wieħed iqis li l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku ma għandhomx rizersi proprji u għandhom aċċess limitat għal self kummerċjali, huma jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw il-finanzjament għal investimenti. Għalhekk, unitajiet domestiċi bħal dawn jeħtieġu appoġġ finanzjarju pubbliku li jista' jieħu l-forma ta' sussidju dirett bil-quddiem, pagament dirett għax-xoġhljiet ta' effiċjenza enerġetika jew ta' rinnovazzjoni, self pubbliku li jippermetti lill-unitajiet domestiċi jħallsu lura l-investment pubbliku hekk kif jiffrankaw fuq il-kont tal-enerġija tagħhom, self b'imġax zero sa baxx jew kwalunkwe mod innovattiv ta' finanzjament ieħor biex jgħinjom jiffinanzjaw xoġhljiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija.

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1–16)

B'DAN TIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

Taqsimha I – implimentazzjoni tal-qafas legali

1. Jieħdu passi rapidi biex jittrasponu u jimplimentaw id-definizzjoni dwar il-faqar enerġetiku skont l-Artikolu 2, il-punt (52), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fid-dritt nazzjonali. Id-definizzjoni nazzjonali jenħtieġ li tiddistingwi l-kunċett ta' "faqar enerġetiku" mill-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, abbażi tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/73/KE, tal-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.
2. Jiżguraw li d-differenzi bejn il-kunċetti ta' klijenti vulnerabbli u l-faqar enerġetiku, kif ukoll li l-komplementarjetajiet tagħhom jiġu riflessi kif xieraq fil-politiki u fil-miżuri fil-livell nazzjonali biex jgħinu lill-Istati Membri jħejju pakketti ta' politika rilevanti biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u l-miżuri ta' awtonomizzazzjoni.
3. Jieħdu vantaġġ mill-qafas olistiku stabbilit mill-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima biex janalizzaw u jaġġornaw il-kwistjoni tal-faqar enerġetiku fit-territorju tagħhom u biex jirriflettu dwar modi kif jindirizzawh. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-ewwel passi fit-tħejjija tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom.
4. Jikkunsidraw indikaturi pprovduti fil-livell nazzjonali u tal-UE għad-determinazzjoni tal-għadd ta' unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku u jipparteċipaw fl-istħarriġ bħala parti mill-moduli rilevanti tal-istatistika Ewropea dwar l-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-kwalità tad-*data* u lill-komparabbiltà tas-sorsi alternattivi tad-*data* u jenħtieġ li jkunu trasparenti dwar liema indikaturi jużaw biex jidentifikaw u jiġġieldu kontra l-faqar enerġetiku (inkluża informazzjoni dwar id-deċili tal-introjt).

Taqsimha II – miżuri strutturali, affordabbiltà u aċċess għall-enerġija

5. Jagħmlu distinzjoni ċara bejn miżuri strutturali għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku u miżuri għat-titjib tal-affordabbiltà tal-enerġija.
6. Jipprijoritizzaw miżuri strutturali effettivi u mmirati sew biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku, fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, ir-rinnovazzjoni tal-bini, il-modifika retroattiva termali (filwaqt li jiġi rrispettat il-karattru tal-bini), l-aċċess għal apparati effiċjenti fl-enerġija u għall-enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri jistgħu jakkumpanjaw miżuri strutturali b'miżuri mmirati sew biex itejbu l-affordabbiltà tal-enerġija, bħall-appoġġ għall-introjt mmirat u t-tariffi soċjali, jew biex jappoġġaw temporanjament lill-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku.

7. Jistabbilixxu miżuri biex jipprevjenu l-iskonnessjonijiet tal-konsumaturi affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-konsumaturi vulnerabbli, permezz ta' skemi ta' appoġġ finanzjarju mmirati, u azzjonijiet, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, li jinkludu fost l-oħrajn pjanijiet ta' pagament u pariri dwar l-effiċjenza enerġetika, kuntratti ta' provvista alternattivi jew assistenza minn servizzi soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sabiex ikomplu jipproteġu lill-konsumaturi u jiżguraw il-kontinwità tal-provvista, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw fornitur tal-aħħar istanza.
8. Jiżguraw il-koerenza bejn il-politiki, b'mod partikolari bejn il-politiki tal-enerġija u dawk soċjali, u jevitaw miżuri kontradittorji. L-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu l-faqar enerġetiku f'politiki soċjali usa' u integrati u approċċi tal-ġustizzja soċjali u japplikaw politiki inklużivi u ta' awtonomizzazzjoni, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku, il-kerrejja, il-persuni li jgħixu fl-akkomodazzjoni soċjali u li jockupaw bini bl-aġhar prestazzjoni enerġetika.

Taqsimha III - Governanza

10. Jiżguraw governanza mtejbha b'approċċ olistiku biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluża kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti u dik vertikali fl-istrutturi ta' governanza nazzjonali, reġjonali u lokali, li tinvolvi impenn aktar mill-qrib mal-unitajiet domestiċi vulnerabbli u s-sħab u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-enerġija u dawk soċjali.
11. Jikkunsidraw il-ħatra u l-għoti ta' setgħa lill-osservatorji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, li jista' jinkludi l-awtoritajiet pubbliċi, l-akkademiċi, l-NGOs, il-provdituri u l-fornituri tal-enerġija, filwaqt li jagħtuhom mandat u mezzi ċari biex jidentifikaw, jimmonitorjaw u janalizzaw is-sitwazzjoni tal-faqar enerġetiku fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali biex jinformaw it-teħid tad-deċiżjonijiet.

Taqsimha IV – Fiducia, impenn u komunikazzjoni

12. Meta jitfasslu miżuri u azzjonijiet li jindirizzaw il-faqar enerġetiku, jagħtu attenzjoni partikolari għal komunikazzjoni mmirata u mfassla apposta li tibni l-fiducia fost il-benefiċjarji ta' skemi rilevanti u tevita l-istigmatizzar ta' gruppi vulnerabbli. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu minn ħaddiema tal-ewwel linja kwalifikati msemmija fil-punt 21 biex jgħinu fl-identifikazzjoni u fl-għoti ta' pariri lill-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku.
13. Iżidu l-kampanji ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika mmirati lejn l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku, biex jiżguraw li dawk il-gruppi tal-popolazzjoni jirċievu informazzjoni u pariri mfassla apposta filwaqt li jużaw il-potenzjal kollu tan-networks konsultattivi dwar l-enerġija u punti uniċi ta' servizz. Dawk il-kampanji jenħtieġ li jħeġġu l-użu ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika anke fis-settur tal-kiri, filwaqt li jtaffu l-inċentivi maqsuma bejn is-sidien tal-kera u l-

kerrejja u jnaqqsu l-faqar enerġetiku permezz ta' kontijiet tal-enerġija aktar baxxi li jirriżultaw mir-rinnovazzjonijiet.

Taqsimha V - Effiċjenza enerġetika

14. Iwettqu azzjonijiet biex jaċċelleraw ir-rata ta' rinnovazzjoni fir-rigward tal-bini bl-aġar prestazzjoni enerġetika, b'tali mod li jiżguraw mill-inqas iffrankar daqs kemm teħtieġ il-familja biex tikseb kumdità termali interna adegwata. Il-miżuri ta' appoġġ għall-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku jenħtieġ li jqisu l-istruttura tas-sjieda fis-suq tal-akkomodazzjoni u jevitaw l-esklużjoni tas-sidien tad-djar affettwati mill-faqar enerġetiku minn naħa u tal-kerrejja min-naħa l-oħra.
15. Jistabilixxu salvagwardji regolatorji u soċjali u janalizzaw it-taħlita ta' politiki biex jiżguraw li l-kostijiet tal-akkomodazzjoni wara t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jew ir-rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjonijiet ma jirriżultawx f'żidiet eċċessivi fil-kirjiet u fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni li jistgħu jwasslu għal kwistjonijiet ta' inaffordabbiltà, spostament tar-residenti, tkeċċija u ġentrafikazzjoni.
16. Jistabilixxu skemi li jippermettu l-aċċess tal-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku għal apparat domestiku effiċjenti fl-enerġija, sabiex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija kemm tal-kerrejja kif ukoll tas-sidien tad-djar.
17. Iħaffu l-użu ta' sistemi ta' miters intelliġenti li jippermettu lill-konsumaturi jkollhom aċċess f'waqtu għall-konsum tal-elettriku u tal-gass tagħhom u tippermettilhom jimmaniġġaw il-konsum tal-enerġija tagħhom u jiksbu benefiċċji mill-avvanzi fit-teknoloġija tal-enerġija u fid-diġitalizzazzjoni. Dawk l-isforzi jenħtieġ li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku u l-klijenti vulnerabbli u jżommu l-istandards tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni.

Taqsimha VI - Aċċess għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli

18. Jiżguraw li l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku jkunu jistgħu jkunu parti mill-kisbiet tad-dekarbonizzazzjoni u tranżizzjoni soċjalment ġusta. L-unitajiet domestiċi kollha jenħtieġ li jkollhom aċċess ugwali għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli u teknoloġiji innovattivi tal-enerġija u għandhom jibbenefikaw mill-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili fis-settur tat-tiżnin.
19. Jippermettu lill-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku l-aċċess għal skemi ta' kondiviżjoni tal-enerġija fost l-oħrajn billi jneħħu l-ostakli għad-dħul finanzjarju għal tali unitajiet domestiċi u jħeġġu l-impenn tal-muniċipalitajiet fi skemi bħal dawn.

Taqsimha VII - Hilit

20. Jiżguraw li dawh li jfasslu l-politika fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni, kif ukoll il-prattikanti u l-konsulenti tal-enerġija jiġu mħarrġa fuq kwistjonijiet tal-enerġija, inkluż dwar suġġetti relatati mal-faqar enerġetiku, filwaqt li jitqiesu l-aspetti multidimensjonali tal-faqar enerġetiku u l-kuntast ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu mill-appoġġ tekniku disponibbli tal-Unjoni f'dan il-qasam.
21. Iniedu programmi biex il-ħaddiema tal-ewwel linja jiġu mħarrġa fil-faqar enerġetiku u fis-soluzzjonijiet tal-enerġija ekoloġika. Il-ħaddiema tal-ewwel linja indirizzati f'dawk il-programmi jenħtieġ li jinkludu ħaddiema tas-saħħa u tal-kura soċjali jew professjonisti oħrajn li jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni ta' unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku u jipprovdulhom direttament pariri u informazzjoni dwar soluzzjonijiet biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u biex jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar affordabbli u innovattivi.
22. Joffru korsijiet ta' taħriġ immirati għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija affettwati mill-faqar enerġetiku, inklużi dawh b'ħiliet diġitali baxxi. Tali korsijiet jenħtieġ li jtejbu l-għarfien dwar l-enerġija u l-litteriżmu diġitali tal-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku, jippermettullhom jikkontrollaw aħjar il-kontijiet tal-enerġija tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fit-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta.

Taqsimha VIII - Finanzjament

23. Jagħmlu użu mill-finanzjament disponibbli tal-Unjoni biex jindirizzaw ulterjorment il-faqar enerġetiku, permezz ta' skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika soġġetti għal test tal-mezzi u mfassla apposta u skemi li jippermettu lill-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku jaċċessaw skemi kollettivi ta' awtokonsum. L-Istati Membri jenħtieġ li jissimplifikaw kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet għat-talba tal-fondi u jillimitaw in-numru ta' ostakli amministrattivi u l-kostijiet ta' akkumpanjament għal tali talbiet.
24. Ifasslu skemi speċifiċi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika mmirati lejn unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku. Meta jstabbilixxu dawn l-iskemi, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu f'moħħhom li dawn l-unitajiet domestiċi ma jistgħux jaffordjaw li jħallsu l-kostijiet tar-rinnovazzjoni bil-quddiem għalkemm dawn jiġu rimborżati wara, u li ma jibbenefikawx minn bonusijiet u tnaqqis relatati mat-taxxa peress li t-taxxa fuq l-introjt tagħhom hija minima.
25. Jappoġġaw l-iżvilupp u ż-żieda ta' skemi ta' finanzjament innovattivi għall-azzjonijiet u l-iskemi tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika ddedikati għal unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija affettwati mill-faqar enerġetiku.

Magħmul fi Brussell, 20.10.2023

*Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kullegġjalitá
KUMMISSJONI EWROPEA